**42. L-Onor Joe Mizzi ppropona:-**

Illi fid-9.35 p.m. ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Dicembru 1998 Seduta Nru 46, l-Onor Carmelo Mifsud Bonnici ta s-segwenti *ruling:*

"Wara li s-Sedja ġiet mistiedna min-naħa ta' l-Onor John Attard Montalto sabiex tisma' t-*tapes* tar-*recording* tas-seduta, reġgħet semgħet dan u kkonstatat li mir-*recording* hemm il-vuċi distinta ta' l-Onor Edwin Vassallo, fejn talab *Division*, kif ukoll li s-Sedja ddikjarat għal darbtejn li l-emenda kienet *carried*.

Illi wara s-Sedja ġiet mitluba mill-Onor Joe Mizzi sabiex tagħti *ruling* fuq din il-kwestjoni, is-Sedja rat l-artikolu 83 ta' l-Ordnijiet Permanenti fejn hemm speċifikat li:

> "Wara li l-iSpeaker jew il-President f'Kumitat tal-Kamra kollha li jkun iddikjara r-riżultat ta' proposta li jkun qiegħed għal voti, kull Membru li jkun semma' leħnu ma' dawk li skond dik id-dikjarazzjoni jkunu fil-minoranza, jista' jitlob votazzjoni tal-Kamra dwar dik il-proposta, u wara hekk għandha ssir votazzjoni bla diskussjoni kemm-il darba ma jidhirx lill-iSpeaker jew lill-President li dik it-talba tkun saret bla bżonn.".

U wara li kkonstatat li l-membru li talab *division* ma jagħmilx parti mill-minoranza iżda mill-maġġoranza kif iddikjarata mis-Sedja, tiddeċiedi li t-talba għal votazzjoni skond l-artikolu 83 ta' l-Ordnijiet Permanenti ma tistax tiġi milqugħa."

Illi dan ir-*ruling* imur kontra ieħor li ngħata fis-Seduta Nru 241 ta' l-14 ta' Lulju 1998 u dan l-istess *ruling* imur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta fl-artikolu 71.

Għaldaqstant b'riferenza ghall-artiklu 62 ta' l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati qiegħed jintalab "li din id-deċiżjoni tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra".

23.12.1998